**16 ta' Jannar, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Tessie Cini

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurta' Nazzjonali — Appell — Arbitru — Impjegat — Prinċipju ta' Importanza — Prova — Art 15, 43(1), u 44 tal-Att VI tal-1956.**

*Persuna assikurata taht l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u li tkun reġistrata bhala diżokkupata, titlef il-benefiċċju ghal diżimpjeg ghall-perijodu ta' mhux aktar m'nn sitt ġimghat, jekk hija tittraskura milli tavvantaġġja ruhha minn okkażjoni ta' impjeg li jiġi lilha offert u li fl-opinjoni tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Ghajnuna Soċjali, ikun xieraq ghaliha.*

*Mid-deċiżjoni tad-Direttur jista' jkun hemm appell quddiem l-Arbitru mwaqqaf b'dak l-Att, jekk tkun kwistjoni ta' liġi*

*jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar dik id-deċiżjoni.*

*Jekk 'd-Direttur ikun iddeċieda li jippenalizza lill-ħaddiem għax deherlu li x-xogħol minnu offert lil dak il-ħaddiem kien xieraq, ċertament ebda kwistjoni ta' dritt ma tkun involuta f'dik id-deċiżjoni; imma jibqa' li wieħed jara jekk il-motiv avanzat bħala aggravju mill-ħaddiem, fis-sens li x-xogħol lilu offert ma kienx xieraq għalieh, jistax jinvolvi prinċipju ta' importanza li jirrendi appellabbli dik id-deċiżjoni tad-Direttur.*

*Il-fraż "prinċipju ta' importanza" għandu jiftiehem li tfisser kwistjoni ta' fatt li hi ta' importanza kbira għax taffetta numru kbir ta' każi fejn il-fatti materjali jkunu l-istess; u l-fattijiet sostanzjali jkunu l-istess meta, non ostante li d-dettall ta' kull każ jkun jista' jiddifferixxi wieħed mill-ieħor, huma jwasslu għall-enunċjazzjoni ta' regola waħda jew ta' prinċipju wieħed li joħorġu minnhom.*

*L-allegazzjoni tal-ħaddiem li hu rrofta x-xogħol offert lilu għax dak ix-xogħol rikjest minnu huwa fiżikament superjuri għall-forsi tiegħu, u kwindi jista' jkun ta' preġudizzju għas-saħħtu, u li għalhekk huwa kellu raġuni tajba biex jirrofta dak ix-xogħol, tikkostitwixxi appuntu kwistjoni li s-soluzzjoni tagħha hi ta' importanza kbira, għax tabilfors taffetta numru kbir ta' każi oħra; u kwindi dik id-deċiżjoni tad-Direttur hija appellabbli quddiem l-Arbitru. Il-fatt, mbgħad, li dik id-deċiżjoni tkun appellabbli għax tinvolvi prinċipju ta' importanza kbira ma jfisserx illi r-raġuni li tressqet mill-ħaddiem hija tajba, peress illi l-kwistjoni jekk dik ir-raġuni hix tajba jew le tifforma oġġett tal-meritu unikament.*

*Kwantu għall-meritu, id-Direttur għandu d-dmir li jipprova l-eżistenza ta' xogħol xieraq u li l-ħaddiem naqas milli jieħu l-passi neċessarji jew raġjonevoli biex jagħmel użu mill-opportunità tax-xogħol li ġie lilu offert; u din il-prova huwa jilħaqha, jekk juri illi x-xogħol minnu offert apparentement kien xieraq u li l-ħaddiem naqas milli javvantaġġja ruħu minn dik l-opportunità. Imma, mill-banda l-oħra, il-ħad-*

*diem għandu dritt juri li ma kienx traskurat, ċjoè li kellu raġuni tajba biex jirrofta dak ix-xogħol, u li minħabba dik ir-raġuni x-xogħol lilu offert, apparentement xieraq, ma kienx xieraq għalieh. U din il-prova tmiss lilu.*

*Jekk il-ħaddiem, talvolta, ma jkunx ta lill-Labour Officer ir-raġuni l-għala rrofta x-xogħol offert, il-Labour Officer imissu jinsisti għal din ir-raġuni, u jmissu jfiehem lill-ħaddiem li dak ir-rifjut ikun il-bażi tad-deċiżjoni tad-Direttur u tal-eventwali skwalifika mill-benefiċċju għad-diż'mpjeg; u kwindi, anki jekk talvolta l-ħaddiem ma jkunx ta dik ir-raġuni, imma ma giex mitlub li jagħt'ha, dan biss ma jirrendiehx passibbli tal-iskwalifika, u ma jippreklud'ehx milli jressaq dik ir-raġuni quddiem l-Arbitru, meta l-appell tiegħu hu ammissibbli skond il-liġi.*

*Mid-deċiżjoni tal-Arbitru, mbgħad, hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina unikament fuq punt ta' liġi; u l-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tad-Direttur kienetx appellabbli quddiem l-Arbitru tirrigwarda punt ta' dritt, u għalhekk hija appellabbli s-sentenza tal-Arbitru quddiem il-Qorti tal-Appell. U dik id-deċiżjoni tad-Direttur kienet appellabbli quddiem l-Arbitru, għaliex il-motiv tal-ħaddiem li huwa rrofta x-xogħol lilu offert għax kien fiżikament superjuri għall-forzi tiegħu u seta' jkun ta' preġudizzju għal saħtu jinvolvi u jqajjem prinċipju importanti li jista' jolqot kategorija sħaħ ta' ħaddiema, u għalhekk jirregola s-soluzzjoni ta' għadd kbir ta' każi fl-applikazzjoni tal-liġi.*

*F'din il-materja, id-D'rettur jeżerċita funzjoni kważi-ġudizzjali, u kwindi d-deċiżjoni tiegħu ma għandhiex tkun xotta, imma għandha tikkontjeni l-ispjegazzjoni tal-motiv tagħha. Għaldaqstant, xejn ma jiswa li d-D'rettur jallega li bejnu u bejn il-ħaddiem ma kien hemm ebda kontroversja fuq dan il-prinċipju, u li huwa qatt ma ċaħad id-dritt tal-ħaddiem li jirrofta xogħol superjuri għall-forzi tiegħu, u li l-ħaddiem ma tax lilu r-raġunijiet li ta lill-Arbitru, jekk id-deċiżjoni tiegħu kienet xotta u ma kienetx tagħti ebda spjegazzjoni tal-motivi li wassluh għad-deċiżjoni tal-iskwalifika tal-ħaddiem mill-benefiċċju għal diżimpjeg. M'd-deċiżjoni tad-tad-Direttur għalhekk ma setgħax jirriżulta jekk id-Direttur*

*ammettiex jew ikkontrastax prinċipji ta' importanza kbira, li jiffurmaw kriterju biex, applikat għall-każ partikulari, wieħed jara jekk fil-fatti l-ħaddiem kienx ġustifikat jew le jirrofta l-impjeg lilu offert. Lill-Arbitru l-fatti rriżultaw "aliunde", meta sama' provi fit-trattazzjoni tal-appell quddiemu.*

*U jekk l-arbitru, fuq il-provi minnu mismugħa, sab li kien hemm prinċipju ta' importanza mnissel in konnessjoni mad-deċiżjoni tal-kwistjoni, u għalhekk sama' u laqa' l-appell tal-ħaddiem skwalifikat mid-Direttur, konformement għad-dispożizzjoni tal-liġi, u korrettament in kwantu fuq l-apprezzament li għamel tal-provi hu rritjena li kien hemm dak il-prinċipju ta' importanza, u dan kien jirradika l-kompetenza tiegħu u d-dritt tal-ħaddiem għall-appell quddiemu, id-deċiżjoni tal-Arbitru hi sewwa, u d-Direttur ma jistax jappella minn dik id-deċiżjoni; għax hu jista' jappella quddiem il-Qorti tal-Appell biss fuq punt ta' dritt, u l-Qorti tal-Appell ma tidħolx fil-meritu tal-fatti u fl-apprezzament tal-provi li tagħhom għamel l-Arbitru; għax fuq l-apprezzament tal-provi u tal-fatti biss id-Direttur ma jistax jappella mid-deċiżjoni tal-Arbitru.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tal-Arbitru tal-21 ta' April 1958, li tgħid hekk:—

"Id-deċiżjoni tiegħi hija li lill-appellanti Tessie Cini ma ġiex offert impjeg xieraq għaliha, u għalhekk ma kellhiex tiġi skwalifikata milli tirċievi benefiċċju għad-diżimpjeg;

"Fis-6 ta' Settembru 1957, lill-appellanti, li kienet reġistrata bħala diżokkupata, ġie offert impjeg bħala "factory-hand" man-"National Macaroni Factory"; liema mpieg hija rrifjutat. Bħala konsegwenza, ġiet penalizzata bit-telf tal-benefiċċju għall-diżimpjeg għall-perijodu ta' sitt ġimgħat, billi ġie ritenut mid-Direttur li l-impjeg lilha offert kien xieraq (art. 15(3) (b) tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali). Teresa Cini qegħeda issa tappella minn dik id-deċiżjoni, fuq il-motiv li hija rrifjutat l-imsemmi mpjeg, minn fejn ftit ġimgħat qabel kienet telqet, mħabba s-sħana u għaliex ix-xogħol kien iebes għaliha;

"Id-Direttur issolleva preliminarment l-eċċezzjoni li ma hemmx dritt ta' appell mid-deċiżjoni tiegħu, billi ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza ma huwa nvolut fiha (art. 43(1) tal-Att fuq imsemmi);

"Ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li ebda punt ta' liġi ma huwa nvolut fid-deċiżjoni tad-Direttur, u jidher ukoll evidenti li l-motiv ta' aggravju allegat mill-appellanti ma jinvolvix kwistjoni ta' dritt. Huwa però ta' min jikkunsidra jekk l-imsemmi motiv ta' aggravju jistax jinvolvi prinċipju ta' importanza li jirrendi d-deċiżjoni tad-Direttur appellabbli;

"Wara matura riflessjoni, jiena wasalt għall-konklużjoni li l-motiv ta' aggravju sollevat mill-appellanti jinvolvi prinċipju ta' importanza. Fid-deċiżjoni tad-9 ta' April 1957, mogħtija fuq l-appell fl-ismijiet "Emmanuele Vella vs. D.E.L.S.W.", jingħad li l-kliem "prinċipju ta' importanza", użati fl-art. 43(1) tal-Att fuq imsemmi, għandhom jifthemu li jfissru "questions of fact which are of great importance because they affect large numbers of other cases in which the material facts are the same". Issa, fl-opinjoni tiegħi, il-fattijiet sostanzjali jkunu l-istess meta, non ostante li d-dettall ta' kull każ jista' jiddifferixxi ħafna wieħed mill-ieħor, huma jwasslu għall-enunċjazzjoni ta' regola waħda, jew ta' prinċipju wieħed li joħroġ minnhom;

"Fil-każ in ispeċje, l-appellanti qegħdha tallega li rrifjutat l-impjeg għar-raġuni li x-xogħol li ġie lilha offert, għalkemm indubbjament jaqa' taħt il-kategorija li għaliha kienet reġistrata, ċjoè ta' "factory hand", kien iebes għaliha u ma setgħetx issofri s-sħana kbira li kien hemm fil-fabbrika. Dawn ir-raġunijiet jikkostitwixxu l-istorja tal-każ, id-dettall, u mhux il-fatt sostanzjali ("material facts"). Il-fatt sostanzjali li joħroġ minnhom, kif del resto jista' talvolta joħroġ minn dettalji ta' każi oħra, anki diversi, jista' jiġi enunċjat hekk: Jikkostitwixxi jew le raġuni tajba, għall-fini tal-art. 15(3) (b) tal-Att fuq imsemmi, il-fatt li persuna tkun irrifjutat impjeg meta jirriżulta li x-xogħol rikjest minnha huwa fiżikament superjuri għall-forzi tagħha, u kwindi jista' jkun ta' preġudizzju ta' saħħitha?

"Issa, is-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni ta' fatt hija ta' importanza kbira, għax tabilfors tista' taffetta numru kbir ta' każi oħra Għalhekk mhux korrett dak li ssottometta d-Direttur fin-nota tiegħu (fol. 17 tal-proċess) li l-każ preżenti ma jinvolvix ebda prinċipju ta' importanza billi jirriżolvi ruħu fil-konsiderazzjoni jekk l-appellanti kellhiex raġuni tajba biex tirrifjuta l-impjeg; għax mhux kull raġuni, sija pure tajba, tinvolvi kwistjoni ta' fatt ta' importanza kbira, billi l-maġġur parti tar-raġunijiet jirrigwardaw biss il-persuna li tkun qegħedha tallegahom mingħajr ma toħroġ minnhom ebda enunċjazzjoni jew regola. Inoltre, l-fatt li d-deċiżjoni tad-Direttur tkun appellabbli għax tinvolvi prinċipju ta' importanza ma jfisserx b'daqshekk li r-raġuni li l-appellanti tressaq hija tajba, peress li l-kwistjoni jekk hix tajba jew le tifforma oġġett tal-meritu unikament;

"Fl-opinjoni tiegħi, u in bażi għall-konsiderazzjonijiet fuq premessi, l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur ma tidherx bażata, u ma nħossx li nista' nakkoljiha fil-każ in eżami;

"Fil-meritu, il-kwistjoni tirriżolvi ruħha dwar il-punt jekk l-impjeg li ġie offert lill-appellanti kienx xieraq, u għall-konsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni hemm bżonn li jiġu rijassunti l-fatti, għalkemm in linea ġenerali ma jidherx li hemm kontestazzjoni dwarhom bejn il-partijiet;

"Fit-8 ta' Lulju 1957, Tessie Cini mpjegat ruħha bħala fattika ("factory hand") man-"National Macaroni Factory"; però, wara ftit ġranet, ċjoè fit-13 ta' Lulju 1957, hija ħalliet il-post minħabba s-sħana u għaliex ix-xogħol kien iebes għaliha billi kienet tiġi mitluba, bħall-fattiga l-oħra sħabha, tħott trucks u tgħabbihom, u terfa' wkoll il-kaxxex tal-għaġin. Meta mliet il-Formola N.1. 32, hija ddikjarat li l-impjeg kien spiċċa għax riedet hija. Il-kliem li użat kienu "at my own request". Però, fix-xhieda tagħha (fol. 7), hija qalet li kienet qalet lill-inkarigat tad-Dipartiment tax-Xogħol ir-raġunijiet li ġiegħeluha titlaq. Ma jidherx mill-provi li dan il-punt ġie kontraddett mid-Direttur ħlief bil-kontenut tal-Formola fuq imsemmija; ma jidherx lan-

qas li f'dik l-okkażjoni Tessie Cini ġiet penalizzata bit-telf tal-benefiċċju għal diżimpjeg;

"Fit-13 ta' Awissu 1957, l-appellanti mpjegat ruħha ma' "Spraas Mayer (Malta) Co. Ltd.", ukoll bħala "factory hand", u damet f'dan l-impjeg sal-31 ta' Awissu 1957, meta, skond il-Formola N. 1. 32, ġiet "discharged owing to redundancy";

"Fis-6 ta' Settembru 1957, id-Dipartiment tax-Xogħol offrielha mill-ġdid impjeg man-"National Macaroni Factory", però Tessie Cini rrifjutat tmur minħabba l-istess raġunijiet li kienu, skond ix-xhieda tagħha, ġegħluha titlaq l-ewwel darba. Il-Labour Officer, John Camilleri, fix-xhieda tiegħu qal li l-appellanti ma semmiet ebda raġuni għaliex ma riedetx tmur; inveċe l-appellanti tgħid li hija żgura li semmiet dawn ir-raġunijiet; u din id-dikjarazzjoni tagħha hija korroborata mix-xhieda ta' oħtha Doris Cini (fol. 14 tergo tal-proċess);

"L-appellanti ġiet skwalifikata milli tirċievi benefiċċju għal diżimpjeg għall-perijodu ta' sitt ġimgħat għaliex ittraskurat milli tavvantaġġja ruħha minn okkażjoni raġjonevoli għal impjeg xieraq (art. 15 (2) (ċ) tal-Att fuq imsemmi). Huwa dmir tad-Direttur li jipprova l-eżistenza ta' impjeg xieraq u li l-appellanti ma hadetx il-passi neċessarji jew raġjonevoli biex tagħmel użu mill-opportunità ta' xogħol li ġie offert lilha. Fil-każ in ispeċje, id-Direttur din il-prova għamilha, billi dak li huwa rikjest għal dan il-fini huwa li l-impjeg ikun apparentement xieraq, u l-fatt li l-appellanti rrifjutat li tmur għax-xogħol juri "prima facie" li hija ma għamletx użu minn dik l-opportunità, ċjoè juri "prima facie" li hija ttraskurat milli tavvantaġġja ruħha minn dik l-opportunità;

"L-appellanti, però, għandha d-dritt li turi li ma kienx hemm traskuraġni da parti tagħha, ċjoè li kellha raġuni tajba biex tirrifjuta x-xogħol, u li minħabba dik ir-raġuni dak l-impjeg apparentement xieraq ma kienx xieraq għaliha. Din il-prova tispetta lilha;

"Ir-raġunijiet li ġiebet il-quddiem huma tnejn, is-sħana

u x-xogħol iebes, li kien jikkonsisti f'irfiegħ ta' kaxxi tal-għaġin, sija biex jiġu poġġuti fuq xulxin fil-store, kemm biex jitgħabbew fuq it-trucks;

"Mill-aċċess li jiena, kif assistit miż-żewġ assessuri, għamilt fuq il-post, jew fabbrika, fejn l-appellanti ġiet mitluba tmur taħdem, irriżultaw dawn il-fatti, li huma importanti għall-każ:—

"(a) Il-fabbrika għandha sistema ta' "air conditioning", u ġie konstatat li t-temperatura normali ġewwa l-fabbrika hija ta' 82 'degress Fahrenheit'; il-perċentwali talumdità hija 80%;

"(b) Il-kaxxex bl-imqarrun jiżnu 15 il-ratal gross, dawk tal-ispagetti 28 ratal gross, tal-fdewwex minn 10 sa 12 il-ratal gross, u l-ixkejjer minn 30 sa 40 ratal;

"*(ċ) Id-dimensjonijiet tal-kaxxex tal-għaġin huma ta'* żewġ piedi tul, pied wiesgħa, u disgħa pulzieri u nofs għoli;

"(d) Meta l-kaxxex jitpoġġew fi "stacks" fil-store, l-għoli ta' kull "stack" huwa ta' madwar sebgħa piedi;

"(e) Id-distanza minn fejn ikunu l-kasselli sat-trucks tista' tkun għall-massimu xi 27 jew 28 pied;

"Wara li jiena eżaminajt bir-reqqa kollha l-fatti tal-każ in kwistjoni, u wara li ħadt in konsiderazzjoni l-opinjoni teknika taż-żewġ assessuri li jassistumi, jiena nħoss li l-appellanti kellha raġuni valida biex tirrifjuta l-impjeg: mhux tant minħabba s-sħana, kemm minħabba x-xogħol, li huwa evidentement iebes għaliha in vista taċ-ċirkustanzi speċjali tagħha, ċjoè qosor u kostituzzjoni fiżika tal-persuna tagħha li jirrendu partikolarment gravuż ix-xogħol ta' li-"stacking" tal-kaxxex. Huwa importanti ta' min josserva f'dan l-istadju li l-appellanti kienet diġà ppruvat għal ġimgħa dak ix-xogħol, u kwindi kienet taf preċiżament f'hix jikkonsisti;

"Jibqa' l-punt jekk il-fatt li l-appellanti semmietx jew le lill-Labour Officer ir-raġunijiet tar-rifjut tagħha għandux

jirrendiha passibbli ta' skwalifika milli tirċievi benefiċċju għal diżimpjeg. Fuq dan il-punt hemm konflitt bejn ix-xhieda tal-appellanti u dik tal-Labour Officer, għalkemm ix-xhieda tal-appellanti tinsab korroborata minn dik ta' oħtha, Doris Cini; liema korroborazzjoni tinklinani naċċetta bħala l-aktar verosimili l-versjoni tal-appellanti; tanto pjù, li, meta hija rrifjutat ix-xogħol, kien sar xi diskors dwar xi post ieħor li ġie offert lilha. Indipendentement minn dan, però, ma jidherx li l-Labour Officer ħa l-kura illi jġib quddiem l-appellanti x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi għaliha jekk tonqos milli tagħti raġuni valida għaliex ma riedetx tmur in-"National Macaroni Factory". Fix-xhieda tiegħu, John Camilleri jgħid sempliċement li ma nsistiex magħha biex tagħtieh ir-raġunijiet għaliex ma riedetx tmur it-tieni darba, billi ġie li kellu każi li anki t-tieni darba persuni jmorru fl-istess post, anki f'distanza żgħira bħall-każ in ispeċje (fol. 12 tal-proċess). Issa, ta' min josserva li dak li kien qiegħed isir quddiem il-Labour Officer f'dak il-mument ma kienx ħlief stadju li fuqu ttieħdet id-deċiżjoni tal-iskwalifika mid-Direttur, ċjoè stadju ta' kawża, biex ngħid hekk; u għalhekk dan il-fatt imissu jiġi miġjub a konjizzjoni tal-persuna nteressata, speċjalment in vista taċ-ċirkustanza li, skond l-Att fuq imsemmi, l-appell mid-deċiżjoni tad-Direttur huwa permess f'każi ferm limitati. Li dana sar fil-każ in ispeċje ma ġiex pruvat mid-Direttur; u għalhekk, anki kieku wieħed kellu jammetti, għall-grazzja tal-argument, li l-appellanti ma semmietx ir-raġunijiet f'dak il-mument, dan il-fatt biss ma jirrendijhiex passibbli tal-iskwalifika u lanqas ma jipprekludiha milli tressaq dawk ir-raġunijiet għall-konsiderazzjoni tiegħu, meta l-appell huwa ammissibbli skond il-liġi;

"Għal dawn ir-raġunijiet niċħad l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur, u nakkolji l-appell ta' Tessie Cini, fis-sens li niddikjara li hija ntitolata tirċievi l-benefiċċju għal diżimpjeg anki għall-perijodu tas-sitt ġimgħat li ġiet skwalifikata milli tirċievi";

Rat ir-rikors ta' Joseph Rossignaud nomine, li bih appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li din tiġi revokata, u li jiġi deċiż illi ebda punt ta' importanza ma kien involut fid-deċiżjoni tad-Direttur taż-17 ta' Settembru 1957, u kon-

segwentement illi dik id-deċiżjoni ma kienetx appellabbli quddiem l-Arbitru, u għalhekk Tessie Cini kellha tiġi penalizzata għat-termini ta' dik id-deċiżjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi* l-appellata kienet reġistrata għall-impjeg bħala "maid" u bħala "factory hand" (fol. 7), u waqt li kienet reġistrata bħala diżokkupata, fis-6 ta' Settembru 1957 ġie lilha offert xogħol bħala "factory hand" man-"National Macaroni Factory". Iżda hija *rrifjutat* dak ix-xogħol, u għalhekk id-Direttur skwalifikaha għal sitt ġimgħat millјedd li tirċievi l-benefiċċju tad-diżokkupazzjoni taħt l-art. 15(2) u (3) tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali (Att VI tal-1956), billi deherlu li ma kellhiex raġuni tajba biex tirrofta dak l-impjeg li kien ġie lilha offert;

Id-deċiżjoni tad-Direttur, li f'dil-materja kien qiegħed jeżerċita funzjoni kważi-ġudizzjali, hija xotta, u ma fihiex spjegazzjoni tal-motiv tagħha. L-appellata għamlet appell minn dik id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, u d-Direttur ikkontestalha d-dritt li tappella; iżda l-Arbitru ċaħadlu dik l-eċċezzjoni, u ddeċieda favorevolment għall-appellata. Quddiem din il-Qorti, id-Direttur reġa' tenna l-istess eċċezzjoni preliminari, u jsostni li l-appellata ma kellhiex dritt iġġib il-każ quddiem l-Arbitru skond il-liġi, billi skond il-liġi hemm biss lok tal-appell fuq kwistjoni ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u dan ma kienx jirrikorri fil-każ tal-appellata;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 44 tal-Att VI tal-1956 hemm dritt tal-appell quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni tal-Arbitru unikament fuq punt ta' liġi. Fil-każ in eżami, il-punt li fuqu prinċipalment qiegħed jappella d-Direttur huwa l-eċċezzjoni preliminari minnu ġa mogħtija quddiem l-Arbitru, u minn dan miċħuda, li l-appellata ma kellhiex dritt tappella quddiem l-Arbitru mid-deċiżjoni tiegħu, għax ma kienx hemm in kontroversja ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' impor-

tanza li kien ġej in konnessjoni mad-deċiżjoni tal-kwistjoni. Ċertament, jekk id-deċiżjoni tad-Direttur kienetx appellabbli jew le kienet deċiżjoni fuq punt ta' liġi, u għaldaqstant id-Direttur kellu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Arbitru quddiem din il-Qorti. Għalhekk il-Qorti għandha tara jekk l-Arbitru kellux quddiemu punt ta' dritt jew prinċipju ta' importanza ġej in konnessjoni mal-kwistjoni, li kien jagħti lok għall-appell quddiemu, u li fuqu sar l-appell. Jekk l-appell sar fuq dan, l-appell kien in regola, u l-Arbitru kien kompetenti jinvesti l-kwistjoni kif għamel;

Ikkunsidrat;,

Illi quddiem l-Arbitru Tessie Cini ġiebet żewġ raġunijiet l-għala kienet irrifjutat l-impjeg lilha offert fil-fabbrika tal-għaġin; u dawn kienu s-sħana eċċessiva fl-ambjent fejn kellha taħdem u li hija ma kienetx tista' tissaporti, u x-xogħol iebes li kien superjuri għall-forzi personali tagħha. Dawn iż-żewġ raġunijiet kienu jistgħu jinvolvu u jqajmu kwistjoni ta' prinċipju ta' importanza, jiġifieri jekk ħaddiem għandux jiġi kunsidrat li rrofta bla raġuni tajba l-offerta ta' mpjeg, meta jirruftaha għar-raġuni li huwa ma jkunx jissaporti s-sħana tal-ambjent fejn ikollu jaħdem, jew ma jkunx jiflaħ għall-kwalità ta' xogħol li jkun irid jagħmel. L-importanza tal-prinċipju hemm involut tidher ċara, meta wieħed jikkunsidra li l-prinċipju jista' jolqot kategoriji sħaħ ta' ħaddiema, u għalhekk jirregola s-soluzzjoni ta' għadd kbir ta' każi fl-applikazzjoni tal-liġi. U din tidher li kienet il-fehma tal-Arbitru;

Mill-banda l-oħra, l-appellant, id-Direttur, isostni illi fil-każ ta' Tessie Cini, quddiemu ma kienx hemm kontroversja fuq dak il-prinċipju fuq imsemmi, għax fuq il-prinċipju ma kienx hemm kwistjoni bejnu u Tessie Cini. Huwa jgħid li qatt ma ċaħad id-dritt ta' ħaddiem li jirrofta xogħol li għalieh fiżikament ma jkunx jiflaħ, u li Tessie Cini ma tagħtux ir-raġunijiet li tgħat lill-Arbitru;

Ikkunsidrat;

Illi d-deċiżjoni tad-Direttur kienet xotta, u ma kienet tagħti l-ebda spjegazzjoni l-għala huwa rritjena li l-appel-

lata kienet irrifjutat bla raġuni tajba l-impjeg li kien offrielha fil-fabbrika tal-għaġin. U tabilħaqq, il-motivazzjoni waħdanija li hemm f'dik id-deċiżjoni mhix ħlief ripetizzjoni tal-kliem użat fit-tieni nċiż tal-art. 15 tal-liġi. Għaldaqstant mid-deċiżjoni tad-Direttur ma setgħax jirriżulta jekk id-Direttur ammettiex jew ikkontrastax prinċipji ta' importanza tax-xorta fuq *imsemmija li jiffurmaw kriterju biex,* applikat għa'l-każ partikulari, wieħed jara jekk fil-fatti l-appellata kienetx ġustifikata jew le tirrofta l-impjeg li kien ġie lilha offert fil-fabbrika tal-għaġin. Lill-Arbitru l-fatti rriżultaw "aliunde", meta sama' l-provi fit-trattazzjoni tal-appell quddiemu. Quddiemu ġie allegat u pruvat li r-raġuni l-għala l-appellata ma riedetx taċċetta l-impjeg kienet li hija ma kienetx tista' tissaporti s-sħana tal-ambjent fejn kellha taħdem, u ma kienetx tiflaħ għall-kwalità ta' xogħol li kellha tagħmel għax kien superjuri għall-forzi u l-istatura tagħha. Il-Labour Officer Camilleri xehed li Tessie Cini ma semmietlu ebda raġuni meta rruftat l-impjeg offert u huwa lanqas ma staqsiha l-għala rruftatu; u għalhekk jidher evidenti li d-Direttur, almenu sa dak l-istadju, lanqas seta' kien jaf l-għala l-appellata kienet irruftat dak l-impjeg u jekk kellhiex raġun jew le. Iżda l-Arbitru rritjena li fil-fatti l-appellata kienet tagħt ir-raġunijiet tagħha, u li dawk ir-raġunijiet kienu validi; u għalhekk kien naturali li jara li l-każ kien iqajjem prinċipju ta' *importanza in konnessjoni mad-deċiżjoni li kellha tittieħed,* ladarba mill-provi ġie konstatat il-fatt kif allegat mill-appellata, u mid-deċiżjoni tad-Direttur ma kienetx tidher ebda motivazzjoni spjegattiva li tiġġustifika l-konklużjoni tad-Direttur. Immela, l-Arbitru, fuq il-provi minnu mismugħa sab li kien hemm prinċipju ta' importanza mnissel in konnessjoni mad-deċiżjoni tal-kwistjoni, u għalhekk sama' u laqa' l-appell ta' Tessie Cini, konformement għad-dispożizzjoni tal-liġi, u korrettament, għal dak li jirrigwarda l-punt *tal-liġi u l-kompetenza tiegħu, in kwantu* fuq l-apprezzament li għamel tal-provi huwa rritjena li kien hemm dak il-prinċipju ta' importanza, u dan kien jirradika l-kompetenza tiegħu u d-dritt ta' Tessie Cini għall-appell quddiemu;

**Ikkunsidrat;**

Illi, ladarba fuq il-punt ta' dritt din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-Arbitru, u d-Direttur jista' jappella biss fuq punt ta' dritt quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tidħolx fil-meritu tal-fatti u fl-apprezzament li tagħhom għamel l-Arbitru; għax fuq l-apprezzament tal-provi u tal-fatti biss id-Direttur ma jistax jappella quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni tal-Arbitru;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru; bl-ispejjeż kontra l-appellant.